# FLORA U FAWNA TAL- GŻEJJER MALTIN
## IL-QABRU

**Il-Qabru (Ingliż: Freshwater Crab) hu l-uniku granċ tal-ilma ħelu li nsibu fil-gżejjer tagħna u l-invertebrat nazzjonali ta’ Malta. Dan huwa wkoll razza endemika li ngħata l-isem xjentifiku Potamon fluviatile lanfrancoi għall-ħidma kbira li wettaq in-naturalista Malti, Guido Lanfranco. Il-Qabru kien rappreżentat ukoll fuq il-munita tal-5 ċenteżmi tal-Lira Maltija.**

**Isem Xjentifiku:** Il-kelma Potamon ġejja mill-kelma Griega ’Potamos’ li tfisser xmara jew nixxiegħa, filwaqt li fluviatile tfisser jinsab fix-xmara.
Din il-ħlejqa hija magħrufa wkoll bħala l-Qabru tal-Ilma Ħelu tal-Mediterran jew ta’ Malta. L-isem bil-Malti Qabru ġej mis-Semitiku u għandu l-istess għerq bħal qabar. Wisq probabbli, dan ġej mill-fatt li l-Qabru jgħaddi l-parti l-kbira tal-jum f’toqob imħaffra fil-ħamrija mxarrba fil-ġnub tan-nixxiegħat.

**Deskrizzjoni:** L-ispeċi maskili jistgħu jikbru sa ħames ċentimetri, filwaqt li dawk femminili jkunu ftit iżgħar. Bħall-qwabar oħra, l-għamla ta’ ġismu hija kwadra, bil-parti ta’ taħt imkenna mis-sider, minn fejn joħorġu ħames pari saqajn. Il-par ta’ quddiem huma mgħammra b’imqass b’saħħtu. Il-Qabru jista’ jgħix sa tnax-il-sena. It-tgħammir jista’ jieħu minn 30 minuta s’aktar minn 20 siegħa. Il-mara ġġorr il-bajd ġo borza li tinsab fuq żaqqha, sakemm ifaqqsu.

**Distribuzzjoni:** Din l-ispeċi tinsab imferrxa sew madwar il-Mediterran, mill-Peninsula Iberjana sal-Greċja u l-Balkani. Tinsab ukoll fuq diversi gżejjer, fosthom Sqallija u Malta. Lokalment, il-Qabru jinsab matul is-sena kollha f’numru ta’ siti, fosthom il-Baħrija, San Martin u Santa Marija f’Malta, u fil-Wied tal-Lunzjata f’Għawdex.

**Stat:** Il-popolazzjoni tal-Qabru qiegħda kull ma tmur tonqos, kemm minħabba li l-abitat tiegħu qed jinqered, minħabba n-nuqqas ta’ xita, kif ukoll għax jinqabad min-nies.

**Abitat:** Joktor f’inħawi fejn hemm veġetazzjoni folta u nixxiegħat t’ilma ġieri. Peress li dan it-tip t’abitat ma tantx hu komuni fil-Gżejjer Maltin, it-tqassim tiegħu huwa mferrex.

**Konservazzjoni:** Il-Qabru huwa speċi protetta fuq livell Ewropew, u allura protett bil-Liġi fil-Gżejjer Maltin. Din l-ispeċi tista’ tiġi salvagwardjata biss permezz ta’ kampanja ta’ konservazzjoni b’enfasi fuq l-abitat.




Il-Qabru fuq il-munita
tal-5 ċenteżmi (5c) (1986-2008)



© 2021 H Heritage Malta Publishing